MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen J. Gatt)**

**vs**

**Abdul Salam Tumy Al Forgni,**
**Mwieled Tripoli, Libja, fl-1979 u detentur**
**tal-passaport Libjan bin-numru 512258H**
**sive Josef Ali Hamdani ta' 25 sena iben Ali u Hasna Furgani,**
**mwieled Hazza l-Palestina fit-18/7/1977 u m'ghandux indirizz fiss f'Malta.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra Josef Ali Hamdani ta’ 25 sena iben Ali u Hasna Gurgani, mwieled Hazza l-Palestina fit-18 ta’ Lulju, 1977 minghajr indirizz fiss f’Malta li gie akkuzat talli fit-2.1.2004 gewwa x-Xatt ta’ Ta’ Xbiex, Ta’ Xbiex ghall-habta ta’ 3.40 p.m. flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa

(a) ikkommetta serq ta’ compact disc stereo tal-marka Roadstar li jiswa inqas minnmitt lira Maltin, minn gewwa l-vettura Fiat Uno IAV-327 ghad-detriment ta’ Raymond Grima mill-Belt Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa,
(b) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
(c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hasar, ghamel hsara fuq vettura Fiat Uno IAV 327 ta’ Raymond Grima mill-Belt jew gharraq hwejjeg ta’ Raymond Grima, liema ammont ta’ hsara ma kienx jiskorri l-hamsin lira Maltin imma izjed minn ghaxar liri Maltin
(d) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi irrifjuta li jaghti jew ta falz lill-Pulizija waqt li jkunu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra.

Rat li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li fl-interrogatorju hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal dawk il-proceduri sommarji.

Rat ukoll li aktar tard l-Ufficjal Prosekutur talab korrezzjoni fl-att ta’l-akkuza fis-sens li bidel isem l-imputat b’dan li kellu jinqara bhala dak ta’ Salam Tumy Al Forgni mwieled Tripli Libja fl-1979, passaport Libjan bin-numru 512258 H. Il-Qorti awtorizzat din l-korrezzjoni in vista tal-fatt li l-Ufficjal Prosekutur kien esebixxa l-passaport ta’ l-imputat, b’dan illi kellu jidher l-isem il-gdid ta’ l-imputat biz-zieda tal-kliem ‘known as segwit bl-isem li l-imputat kien ta

bhala ismu u cioe dak li kien jidher fl-att ta' akkuza originalment.

Rat li ghal din l-korrezzjoni l-imputat ta ruhu b'notifikat, rat li sar l-interrogatorju mill-gdid u li wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li gie anke esebit il-kunsent ta' l-Avukat Generali bl-isem, anzi biz-zewg ismijiet ta' l-imputat ( a fol 30).

Rat li l-imputat a fol 47 ta l-kunsens tieghu ghal dawn il-proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Ikkonsidrat

Illi minn ezami tal-atti processwali rrizultaw is-segwenti punti.

PS Keith Arnaud u PC 648 Kurt Grech wara telefonata anonima li xi rgiel kienu qed iduru ma' vettura pparkjata hdejn il-parking ta' vicin Les Lapins Hotel, accedew fil-post indikat. Qal li hemm ra lill-imputat b'haversack fuq daru li fih meta nqabad instab li kellu CD stereo.  Kien dan is-Surgent li fil-fatt gera bir-rigel wara l-imputat. Arnaud anke ddeskriva kif l-impuat irrezista l-arrest.  PC 648 Grechkien flimkien mas-Surgent imsemmi.  Qabdu lill-imputat.  Spjega li l-imputat irrezista li jigi mmanettat. Anke PC 1538 Spiteri kien involut fil-qabda ta' l-imputat, xehed ukoll li l-imputat kellu fil-fatt basket fuq daru li hu rema'.

Raymond Grima sid il-vettura derubata spjega li hu gie nfurmat li gewwa l-parking ta' hdejn Les Lapins, fejn hu kien xoghol, kien hemm zewg irgiel li kienu qed iduru mal-karozza tieghu.  Gera warajhom u gharaf lil wiehed minnhom bhala l-imputat.

Dar id-dannu soffert fil-karozza esebixxa rcevuta ghall-ammont ta’ Lm 5 Dok C (a fol 28). Dwar l-istereo misruq xehed lid an kien jiswa circa Lm67.

Dwar il-prezz ta’ dan is-CD stereo misruq xehed Joseph Galea tal-hanut Melody li xehed li hu kien biegh wiehed jixbah lil dak muru lilu lil cert Joseph Mizzi, dan versu l-prezz ta’ Lm 67.50 (ara fol 39 Dok SG4). Kien fil-fatt Joseph Mizzi li biegh il-Punto bl-istereo lid-derubat Raymond Grima.

Xehed impjegat iehor tal-lukanda Les Lapins li qal li kien anke hu ra lill-imputat idur mal-vettura ta’ kok tal-lukanda Raymond Grima. Ghalkemm kien cert mill-identifikazzjoni ta’ l-imputat ma kienx mija fil-mija cert li l-imputat kien qed igorr haversack fuq daru. Impjegata ohra Louise Camilleri ukoll xehdet li kienet rat zewg persuni jduru mal-Fiat ta’ Raymond Grima u li sahansitra rat wiehed minnhom jidhol fl-istess vettura.

Min-naha tieghu l-imputat irrilaxxa stqarrija u anke ghazel li jixhed viva voce.

Fl-istqarrija qal li hu kien sejjer lejn il-Gzira biex jiltaq’ ma’ wiehed jismu Frans. Pero’ iltaqa’ ma’ dan Frans hdejn il-parking ta’ hdejn il-lukanda Les Lapins. Jghid li fil-fatt dan Frans kellu f’idu basket li talbu biex izommulu sakemm jaqfel il-lazz. Kien hawn li hu ra l-pulizija u beda jigri ghax ra lil siehbu jigri.

Fl-istess stqarrija aktar tard jghid li lil dan Frans (Malti) jafu biss ta’ sahha u bongu u li kien iltaqa’ ma’ Frans imma ma’ habib tieghu Gharbi.

Jigi f’dan l-istadju puntwalizzat li l-imputat jifhem sew bil-Malti u li ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu.

Viva voce l-imputat xehed li hu fil-fatt kien sejjer jara lill-partner tieghu l-isptar, ghalhekk nizel mill-Gzira u kien sejjer lejn l-isptar. Kien hawn li ltaqa’ ma’ persuna li kien jaf bhaal habib u waqfu jitkellmu. Dan kien gej kontra tieghu. Qallu biex izommlu basket li kellu f’idu sakemm

jaqfel il-lazz u kien hawn li gie wiehed li qabad jghajjat u ghalhekk x'hin siehbu telaq jigri "… jien tlaqt il-basket u tlqat nigri hux."

Dwar il-problemi ta' l-identita' u bhala gustifikazzjoni ghall-harba tieghu spjega lihu beza' minhab li kien hawn Malta "...ifhem kont bil-visa imkissra u peress li ghandi t-tifla u hekk ma xtaqtx nitlaq."

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti ma tistax ma tihux in konsiderazzjoni tax-xhieda migjuba li gharfu lill-imputat bhala l-persuna nvoluta fir-reati lilu addebitati. Anke jekk l-imputat kien imbezza' bil-fatt li hu kien hawn Malta b'mod ghal kollox illegali pero' l-inkonsistenzi tieghu ghalkemm mhux ghal kollox grossolani huma sinifikanti. Ghaliex l-ewwel isemmi li sejjer jiltaqa' ma' Frans, imbaghad jghid li flok ien se jiltaqa' ma Gharbi, hawn meta gie investigat mill-pulizija, u ma jghidx dak li xehed hu li kien sejjer lejn l-isptar. Di pius' jinnega li hug era bil-basket anzi jghid li ramih meta kien hemm xhieda okulari li hu sema' li xehdu mod iehor.

Ghaldaqstant issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 261, 263, 271, 20, 334 (pero' dan ir-reat huwa assorbit f'dik principali ta' serq), 325 rat l-artiklu 28A tal-Kap 9, tikkundannah ghal sena habs sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------